MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 341/1997/1

Carmel Abela
vs
Dipartiment tas-Sahha u b' digriet tas-6 ta' Mejju 1999 gie korrett ghal Tabib Principali tal-Gvern

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u 15 ta' Mejju, 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn 1987 u 1997 huwa sofra ingustizzja f'transfer u promozzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej. Ir-rikorrent kien ilu stazzjonat f'St Vincent de Paul Hospital mill-1976, u kien jokkupa kariga amministrattiva fin-nursing, dik ta' Senior Nursing Officer. Fl-1980, huwa kien gie promoss fl-ghola kariga fin-nursing, dik ta' Principal Nursing Officer u hekk kien baqa' jservi sal-1987. Wara l-elezzjoni tal-1987 kien gie trasferit f'Tal-Ferha Estate, biex minn istituzzjoni li fiha

kien hemm elf resident u sitt mitt impjegat, kien sab ruhu f'ohra ferm izghar, fejn kien hemm biss sitt morda (bil-marda tal-lebbra) u tnax-il impjegat biex jiehdu hsiebhom. Ghal dan it-transfer ma kienet inghatat l-ebda spjegazzjoni. Dan l-agir kien pogga lir-rikorrent f'pozizzjoni sinifikament anqas importanti. Hawnhekk wiehed ghandu josserva u jenfasizza li sew l-isptarijiet, bl-eccezzjoni ta' Sir Paul Boffa, kif ukoll ic-Centri tas-Sahha kollha, bil-bosta akbar bhala entitajiet, kienu qed jigu amministrati min-nurses ta' grad jew tnejn anqas minn tar-rikorrent. Ma' dan wiehed ghandu jzid illi dawn it-talin, fil-maggoranza taghhom, kellhom servizz u esperjenza anqas minnu.

Bejn il-perjodu ta' Mejju 1987, sakemm tal-Ferha Estate kien gie amalgamat ghal ma' Mount Carmel Hospital (fejn jirrikjedi bzonnijiet ghar-residenza), ir-rikorrent kien qieghed isib diffikultajiet biex jaqdi d-doveri tieghu fis-sens li ma kien hemm ebda ko-operazzjoni mieghu. Huwa wkoll kien innota, li gurnata minnhom kien qieghed jigi segwit il-hin kollu (mindu dahal go St Vincent de Paul) mis-Security Guard fuq ordni ta' l-awtorijiet ta' l-isptar. Dan l-atteggjament kien pogga lir-rikorrent f'dell ikrah f'ghajnejn il-pubbliku.
Tajjeb li hawn wiehed josserva li matul il-perjodu tas-servizz tieghu, ir-rikorrent qatt ma kien gie nfurmat b'xi nuqqasijiet. Anzi bil-maqlub, fl-1994, is-servizzi tieghu kienu gew rikonnoxxuti billi nghata 'Certificate of Merit' fil-gurnata dinjija tal-morda.

Fl-10 ta' Ottubru 1994, id-Dipartiment tas-Sahha kien hareg applikazzjonijiet ghal-Dipartmental Nursing Manager u Manager Nursing Service fil-Health Division. Dawn iz-zewg gradi kienu simili ghal dawk ta' Senior Nursing Officer u Principal Nursing Officer rispettivament. Kienu saru l-intervisti u kienu gew imlahhqa u appuntati mpjegati li kellhom esperjenza u servizz ferm anqas minn tar-rikorrent.

Minhabba f'hekk hu kien gie sofra ingustizzja, trattament degradanti, kif ukoll umiljazzjoni.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Illi huwa esebixxa hames dokumenti in sostenn tal-kaz u rriserva li jesibixxi dokumenti ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tigi moghtija lilu l-promozzjoni li kellu dritt ghaliha fi grad ta' Manager Nursing Service, li fil-fehma tieghu kellu mertu u kompetenza superjuri ghall-kandidati ohra, kif ukoll bl-arretrati kollha dovuti f'dan ir-rigward. Ir-rikorrent talab ukoll li jigi kkompensat ghall-hsara psikologika li sofra kawza tad-diskriminazzjoni mwettqa kontrieh, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas lilu kumpens f'ammont ta' Lm5,000.

Ra l-lista ta' xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi preliminarjament rigward il-promozzjonijiet l-intimat irrileva illi huwa ma hux legittimu kontraditur stante illi l-Bord li jaghmel l-interviews huwa mahtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u l-hatriet ta' dawk maghzula jsiru mill-Prim Ministru wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Di piu tali procedura hija insindakabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi t-transfer li kien inghata l-intimat Carmel Abela kien sar skond l-esigenzi tas-servizz ta' dak inhar, u dan kollu ai termini ta' l-appointment li jgib id-data 26 ta' Lulju, 1984. Di piu`, ir-raguni ghac-caqlieq minn post ghal iehor kienet kif spjegata ampjament fl-appointment fuq imsemmi u ghalhekk ir-rikorrent ma kien dovut l-ebda spjegazzjoni mid-Dipartiment.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li ilu impjegat bhala State Registered Nurse sa minn Awissu 1965 u f'April 1966 gie rikonoxxut bhala State Registered Nurse mill-General Nursing Council for England and Wales. F'April 1970 gie appuntat bhala Staff Nurse, f'Lulju 1973 bhala membru tan-Nursing and Midwifery Board, liema kariga dam jokkupa sa Mejju 1987, f'Settembru 1976 bhala Senior Nursing Officer (Administrative Nurse), f'Lulju 1980 bhala Principal Nursing Officer, f'Lulju 1984 Administrative Nurse III. Fi Frar ta' l-1994 inghata Certificate of Merit ghas-servizz twil li ta fil-kura tas-Sahha u f'Mejju ta' l-istess sena kkwalifika u nghata Post Graduate Certificate in Hospital Management (International ) mill-Universita` ta' Birmingham.

Fl-1980 gie promoss ghall-Principal Nursing Officer li hu l-oghla grad fin-nursing. Dak iz-zmien flimkien ma' Principal Nursing Officer iehor, kellhom taht l-inkarigu taghhom lin-nurses u l-impjegati domiciljarji kollha.

Semma li fit-22 ta' Mejju 1987 gie trasferit ghal tal-Ferha Estate. Sostna li l-isptarijiet kollha bl-eccezzjoni ta' Sir Paul Boffa u c-Centri tas-Sahha kienu mmexxija minn nurses bi gradi inqas minn tieghu. F'St. Vincent de Paule kellu madwar 600 impjegat u 1,000 residenti tahtu filwaqt li f'tal-Ferha kellu jamministra 6 pazjenti u 12-il impjegat.

Wara l-avvenimenti li sehhew bejn Mejju 1987 u Jannar 1990 kellu jigbed l-attenzjoni tal-kap tad-Dipartiment jigifieri CGMO biex jiccara l-pozizzjoni tieghu izda t-Tabib

Frank Bartolo infurmah bid-decizjoni li Tal-Ferha jigi decizjoni ma' Mount Carmel kienet ghadha treggi.

F'Gunju ta' l-1990, il-Principal Nursing Officer l-iehor, Joseph M. Attard gie trasferit minn St. Vincent de Paule ghal Tal-Ferha u b'hekk spiccaw f'sitwazzjoni redikola b'zewg Principal Nursing Officers jamministraw 5 morda u 12-il impjegat.

Fit-3 ta' Mejju 1993 beda kors universitarju ghal kwalifikazzjoni ta' Post Graduate Certificate in Hospital Management (International) taht it-tmexxija ta' Universita` ta' Birmingham.  Dan il-kors kien organizzat mill-"Staff Development Organisation" fl-ufficju tal-Prim Ministru, ghal ufficjali f'karigi gholjin fid-Dipartiment tas-Sahha. Fost il-partecipanti kien hemm Professsuri, Consulenti, Diretturi, is-CGMO stess, kif ukoll Civil Servants.  Mit-68 partecipant, madwar 26 biss komplew il-kors u gew kkonferiti l-Post Graduate Certificate.

Fit-13 ta' Ottubru 1994, harget sejha ghal applikazzjoni ta' Departmental Nursing Manager u Manager Nursing Service, u r-rikorrent applika fl-1 ta' Novembru 1994.  Fit-18 ta' April 1995, attenda intervista rigward iz-zewg applikazzjoniet, liema intervista damet cirka ghoxrin minuta ghal kull applikazzjoni.  Ic-Chairman tal-Bord ta' l-ghazla kien it-Tabib Bartolo.  Ir-rizultati li hargu kienu strambi fejn kien hemm kandidati li gew qabel ohrajn fil-grad ta' Manager Nursing Services, filwaqt li gew wara l-istess nies fil-grad inferjuri ta' Departimental Nursing Manager.  Ir-rikorrent inghata 22 marka fuq l-applikazzjoni tieghu ghal Departimental Nursing Manager, u 17-il marka ghal Manager Nursing Services.

Minkejja s-servizz twil tieghu, il-kwalifiki li jipposjedi, l-esperjenza twila fin-nursing administration, kif ukoll ghall-mod tajjeb li hu hass li mar fl-intervista xorta ma giex moghti l-promozzjoni.  Hafna minn dawk li ghaddew kienu gew intervistati minnu fl-1981 meta hu kien membru fil-Bord ta' l-Ghazla ghal-post ta' Nursing Officer.  Esebixxa kopja ta l-staff list, il-job description ta' PNO u l-skeda dwar it-telf finanzjarju li sofra.

Xehed Frank Attard Senior Principal fil-Human Resources Section tad-Dipartiment tas-Sahha. Semma li s-Sur Abela ghamel perjodu bhala Principal Nursing Officer u kien stazzjonat San Vincenz De Paule u din il-kariga kienet l-oghla fin-Nursing. Qal li dak iz-zmien is-Sur Lautier kien responsabbli ghal personnel u kien jiffirma t-trasferimenti li kienu johorgu. Semma li mill-file jidher li r-rikorrent kien gie trasferit minn San Vincenz De Paule ghal tal-Ferha f'Mejju 1987. Ma setax jghid jekk ir-rikorrent kienx responsabbli ghal tnax-il impjegat u sitt pazjenti biss meta kien f'tal-Ferha pero` sostna li tal-Ferha huwa post izghar hafna minn San Vincenz De Paule.

Xehed Saviour Lautier Direttur tar-Rizorsi Umani u ilu jokkupa dik il-kariga mill-1993. Ikkonferma li mill-1 ta' Lulju 1980 ir-rikorrent kien PNO, u ghadu f'dan il-grad sa meta xehed izda bir-riforma li saret fl-1993 sar Nursing Officer. Fiz-zmien tar-riforma fid-Dipartiment kemm kien hemm numru zghir ta' Principal Nursing Officers u dak il-grad kien l-oghla grad fin-nursing minbarra d-Direttur. Mill-1980 sa l-1987 ir-rikorrent kien PNO f'San Vincenz De Paule.

Qal li jista' jkun li r-rikorrent kellu sitt mitt haddiem jahdmu tahtu f'San Vincenz De Paule u kien hemm average ta' elf pazjent tahtu. Kien hemm zewg PNO's li kienu r-rikorrent u Joseph Attard.

F'Mejju 1987 Carmel Abela nghata transfer ghal tal-Ferha u kien ghadu fil-kariga ta' PNO. Dak iz-zmien kien hemm 12-il impjegat u xi sitt morda. It-transfer tar-rikorrent hareg mill-Ministeru. Id-direttivi ghat-transfers li jaslu fid-Dipartiment kollha jigu attwati izda gieli jkun hemm xi kazijiet fejn ikun hemm xi riservi. Fir-rigward tat-transfer tar-rikorrent qal li gie attwat. Ma kienx hemm PNO iehor Tal-Ferha qabel ma gie nkarigat ir-rikorrent. Qal li jista' jkun li centri u sptarijiet ohra fid-Dipartiment tas-Sahha kienu qed jitmexxew mhux bin-nies bil-kariga ta' PNO. Sostna li ma jkunx hemm raguni bil-miktub ghalfejn inghata t-transfer.

Qal li fil-11 ta' Ottubru 1990 kien intbaghat PNO iehor f'tal-Ferha u kien hu li hareg id-direttiva tat-transfer fir-rigward tas-Sur Joseph Attard fuq l-istruzzjonijiet mill-Ministeru u din id-direttiva kienet tkun verbalment. Ma kien intbaghat hadd minflok ir-rikorrent u Joseph Attard f'San Vincenz De Paule. Ir-rikorrent u Attard kienu l-ahhar PNO's li mexxew tal-Ferha ghax wara kien hemm enrolled nurse. Enrolled nurse huwa l-inqas grad ta' nursing. Dwar il-job description ta' Principal Nursing Officer qal li ma sab xejn izda kkonferma li l-grad ta' PNO kien l-oghla post fin-nursing.

Qal li ma tax direzzjoni biex xi hadd iehor f'San Vincenz De Paule jagixxi bhala Acting PNO meta r-rikorrent u Attard kienu gew trasferiti minn tal-Ferha. Semma li r-rikorrent f'Mejju 1993 ottjena post graduate certificate in hospital management mill-universita' ta' Birmingham.

Dwar il-grad ta' Dipartimental Nursing Manager kien inhatar bord u appuntat Chairman Frank Bartolo. Giet ukoll appuntata s-Sinjura Kershaw. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jghid jekk id-Dipartiment tas-Sahha rrakomandax lill-Bord ta' l-ghazla dwar il-kriterji li ghandu juza u qal li l-procedura tappartjeni lill-PSC. Id-Dipartiment tas-Sahha jircievi kopja tar-rizultati mill-PSC u kopja tar-rapport tal-bord ta' l-Ghazla u fuqu jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet ghall-appointments. Ir-rizultati jigu ghandu u hu jipprepara r-rakkomandazzjonijiet u mbaghad wara jigu approvati mis-CGMO. Hu u s-CGMO dejjem jibqghu fuq il-gradwatorja li tkun waslet skond ir-rizultat mir-rapport tal-PSC.

Qal li d-dipartiment ma jaghti l-ebda rakkomandazzjonijiet lill-bord tal-ghazla fir-rigward tal-promozzjonijiet. Ikun il-bord ta' l-ghazla li jaghti r-rakkomandazzjonijiet lid-Dipartiment. Il-Bord appuntat jimxi fuq il-kriterji tal-PSC u x-xhud mhux membru tal-PSC.

Esebixxa l-awtorizazzjoni tat-transfer tar-rikorrent fejn hemm miktub li dan gie approvat u ffirmat mix-xhud. Hu kien ircieva direttivi minghand il-Parliamentary Secretary. Hu kien jghaddi l-lista tat-transfers lill-Ministru u mbaghad

trid tigi approvata mill-Parliamentary Secretary. Huwa qal li bhala direttur tal-Human Resources jaghti t-trasferimenti ghax jigi ordnat u l-esigenzi ma jkunx rahom hu. Fil-kaz tar-rikorrent u Attard ma kienx hemm talba ghat-trasferiment minnhom stess.

Esebixxa Dok TT2 li hija fir-rigward ta' Joseph Attard rikors numru 343/97 fejn il-Ministru talab lit-Tabib Principali tal-Gvern biex jeffettwa t-transfer.

**KONKLUZJONJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qieghed jilmenta taht zewg aspetti u cioe` li hu gie trasferit fl-1987 minn St. Vincent De Paul Hospital ghal Tal Ferha Estate u b' hekk minn l-oghla kariga fin-Nursing f' Malta spicca jmexxi istituzzjoni zghira u cioe` minflok 1000 resident u 600 impjegat spicca b' 6 morda u 12-il impjegat u l-morda kienu affettwati mill-marda tal-lebbra. Dan it-Tribunal diversi drabi sostna li l-ezigenzi tas-servizz ghal trasferiment iridu jigu ppruvati. Infatti fil-kawza fl-ismijiet “Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et” deciza fit-23 ta’ Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

“Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma’ dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista’ jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f’dan ir-rigward, izda f’dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta’ titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

Fil-kaz in ezami dawn l-ezigenzi tas-servizz la gew imsemmija u anqas biss b’ xi mod ippruvati. Kull ma seta’

jirrispondi s-Sur Lautier kien li l-ezigenzi ma jiddecidihomx hu izda haddiehor u rrizulta li fil-fatt kien mill-Ministeru li gie deciz li jsir it-transfer.  Irrizulta li r-rikorrent kien haddiem dedikat u efficjenti u dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif haddiem li kien kapaci jmexxi istituzzjoni kbira ntbaghat imexxi qasam zghir minghajr raguni valida.  L-ezigenza tas-servizz ma giet b' ebda mod pruvata u ghalhekk iqis tali trasferiment bhala ingust fit-termini tal-Att VIII tal-1997.

It-tieni aspett tal-ilment jirrigwarda n-nuqqas ta' promozzjoni ghal Departimental Nursing Manager u Manager Nursing Service fil-Health.  Dwar dan l-intimat eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontradittur peress li l-hatra ssir mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll l-insindakabbilita` taghha permezz tal-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.  It-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-initmat Tabib Principali tal-Gvern li mhux legittimu kontradittur.  Infatti l-Artikolu 181B jaghmilha cara li "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni."  Dan ifisser li r-responsabbilta` tibqa' tat-Tabib Principali tal-Gvern. Rigward l-insindakkabbilita` tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq il-bazi ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, it-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija minnu fil-kawza fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha deciza fis-7 ta' Mejju 1998 u ghall-istess raguni jichad din l-eccezzjoni.

Ir-rikorrent kien applika fl-1993 ghall-karigi msemmija. Issa meta t-Tribunal irid jasal biex jikkonkludi saritx ingustizzja meta r-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni jrid ikollu quddiemu mhux biss il-prova li r-rikorrent huwa bniedem kapaci, efficjenti u dedikat izda jrid ikollu prova dwar kull wiehed minn dawk  li fil-fatt ha tali promozzjoni. Hawnhekk hu necessarju li t-Tribunal ikun jaf dettaljatament xi kwalifiki kellu r-rikorrent fiz-zmien in kwistjoni u xi kwalifiki kellhom l-applikanti l-ohra li fil-fatt gew moghtija tali promozzjoni.  L-istess irid jinghad dwar seniority fil-kariga li jokkupa r-rikorrent u l-applikanti l-ohra.  Huwa necessarju wkoll li t-Tribunal ikollu ghajnuna

ohra fis-sens li xi persuni superjuri ghall-applikanti jkunu esprimew l-opinjoni taghhom dwar liema mill-applikanti kien l-aktar idoneju biex jiehu l-promozzjoni. Meta wkoll jinghataw marki dwar kriterji ohra bhal personalita` kif ukoll elementi suggettivi t-Tribunal jista' forsi jasal ghal din il-konkluzjoni jekk ikollu l-opportunita` li barra milli jkollu fil-prezenza tieghu lir-rikorrent jigu prodotti bhala xhieda l-persuni l-ohra li nghataw tali promozzjoni. Issa fil-kaz in ezami t-Tribunal ma kellux din l-opportunita` parzjalment dan dovut ghall-fatt li l-intimat ma tantx ikkopera biex jaghti tali informazzjoni u f' diversi okkazjonijiet ipprova juza l-elementi ta' privilegg biex ma jaghtix l-informazzjoni utli lil dan it-Tribunal. Ghalhekk meta wiehed jikkunsidra kollox it-Tribunal ikollu jasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrenti huwa certament bniedem kapaci izda ma jistax fl-istess hin jikkonkludi li saret ingustizzja meta ma nghatax il-promozzjoni. Ghal dawn il-motivi ma jistax jilqa' t-talba tar-rikorrent ghall-promozzjoni.

Jibqa' biss ghalhekk li t-Tribunal jasal ghar-rimedju ta' kumpens ghat-transfer ingust li nghata lir-rikorrent li ghal tant snin twal kellu jbati l-konsegwenzi tad-decizjoni ingusta. It-Tribunal peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef lira [LM3000].

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------